# “Xi tridni nagħmillek?” “Li nerġa’ nara”
## Adorazzjoni Ewkaristika
## Novembru 2024

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Mulej, Kristu, Feddej tagħna,
agħti widen għat-talb qawwi
ta’ Marija dejjem Verġni,
żommna sħaħ fil-għaqda miegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Jieqfu magħna wkoll il-qtajja’
tal-ispirti kbar tas-sema,
u jbegħduna minn kull ħsara
tal-imgħoddi, t’issa w t’għada.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Il-profeti mal-Appostli
jerfgħu lejk it-talba tagħna,
biex, fit-tjieb*a* u l-ħniena tiegħek,
niġbru l-frott tas-salvazzjoni.

*Missierna, Sliema, Glorja*

L-għadd sabiħ tal-martri tiegħek,
il-ġemgħat tal-konfessuri,
imexxuna lejk biex magħhom
niġu naqsmu l-ferħ u l-hena.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Saffi ’l qalbna bil-għajnuna
tal-għarajjes verġni tiegħek,
tal-irħieb u l-kotra kollha
tal-erwieħ qaddisa ħbiebek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Nadurawk, Mulej, Sid tagħna,
mal-Missier u mal-Ispirtu;
nittamaw, bil-grazzja tiegħek,
li tiġmagħna lkoll fis-sema. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

“Kemm hi kbira l-glorja tas-saltna fejn il-qaddisin kollha jgħixu ferħana ma’ Kristu! Libsin ilbiesi twal bojod, huma jimxu wara l-Ħaruf kull fejn imur.” Hekk titlob il-Knisja waqt it-talba tal-Għasar fil-jum li fih tiċċelebra lill-Qaddisin kollha

f'daqqa, sew dawk magħrufa u meqjuma b'mod uffiċjali mill-Knisja, u sew dawk il-bnedmin ġusti li fittxew li jgħixu ħajja Nisranija ġenwina hekk li ġew mogħtija sehem fl-istess glorja ta' Kristu. Għax il-qaddisin huma bnedmin mill-mixjiet kollha tal-ħajja li madankollu fittxew li jgħaqqdu t-triq tagħhom, kollha bil-mod tagħhom, mat-Triq waħdanija li hija Kristu.
Għalhekk, f'dan il-ħin ta' adorazzjoni se nissieħbu ma' dawn ħutna l-kbar fi Kristu, il-ġemgħa glorjuża tal-Appostli, l-għadd sabiħ tal-profeti, il-qtajja' tal-martri rebbieħa kollhom bjuda, il-qaddisin u l-maħturin kollha ta' Alla, filwaqt li nitniehdu u nixxenqu sakemm għajnejna wkoll jinfetħu sabiex bħalhom naraw l-istess Dawl ta' dejjem.

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (10, 46-52)

F'dak iż-żmien, waqt li Ġesù kien ħiereġ minn Ġeriko flimkien mad-dixxipli tiegħu u ma' kotra kbira ta' nies, kien hemm wieħed tallab agħma, jismu Bartimew, bin Timew, bilqiegħda mal-ġenb tat-triq. Dan, meta sama' li kien Ġesù ta' Nazaret, qabad jgħajjat u jgħid: "Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni!"
Kien hemm ħafna li bdew jgħajtu miegħu biex jiskot imma hu aktar beda jgħajjat: "Bin David, ikollok ħniena minni!"
Ġesù waqaf u qal: "Sejħulu". Huma sejħu l-agħma u qalulu: "Agħmel il-qalb! Qum, qiegħed isejjaħlek." Dak tajjar il-mantar minn fuqu, qabeż fuq riġlejh u mar ħdejn Ġesù.
U Ġesù kellmu u qallu: "Xi tridni nagħmillek?" "Li nerġa' nara, Rabbuni", wieġbu l-agħma. U Ġesù qallu: "Mur, il-fidi tiegħek fejqitek." U minnufih raġa' beda jara, u baqa' miexi warajh fit-triq.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Tifħir lilek, Kristu.

Mulej Ġesù, id-djalogu tiegħek ma' dan ir-raġel agħma jurina t-triq li twassal għall-qdusija. Nistgħu ngħidu li dan l-agħma huwa mudell ta' min hu l-qaddis, ta' dak li lkoll imsejħin li nsiru. Dan ir-raġel donnu bla identità, kważi mingħajr isem, għajr li kien iben missieru Timew, l-ewwel nett b'umiltà jirrikonoxxi li jeħtieġ il-ħniena tiegħek: "Ġesù, bin David, ikollok ħniena minni!" "Bin David, ikollok ħniena minni!" In-nuqqas ta' dawl ma żammux milli jisma' dwarek u jsir jafek hekk li beda jemmen fik qabel ma ltaqa' miegħek. Kien diġà emmen li inti bin David, li inti l-Messija tant mistenni.
Bħall-qaddisin, dan ir-raġel jagħrfek bħala l-Imgħallem tiegħu: isejjaħlek "Rabbi," anzi "Rabbuni"—"Rabbi tiegħi." Għalkemm ma kienx fost dawk li kienu dejjem miegħek u jisimgħu kull kelma tiegħek, Bartimew xorta kien irnexxielu jiġbor ftit

loqom mit-tagħlim tiegħek hekk li seta' jitqawwa bih u jħalli toktor fih il-fidi u l-istennija kollha tama li xi darba kont se tgħaddi min-naħa tiegħu … tama li żammitu dejjem attent sabiex ma jitlifx lanqas l-iċken sinjal tal-preżenza tiegħek. U, bħall-qaddisin, aħna wkoll nistgħu niksbu rabta sħiħa miegħek u nġarrbu l-ħniena tiegħek li tfejjaq u tagħti d-dawl biss jekk ikollna widnejh miftuħa u, minkejja kull għamad li jżommna lura u kull ostaklu li jista' jfixkel il-passi tagħna, bħal dan l-agħma, xorta jirnexxilna nindunaw li inti, l-Imgħallem tagħna, qiegħed hekk fil-qrib li tista' tmissna bil-kelma setgħana tiegħek li tfejjaq u teħles hekk li aħna wkoll inkunu nistgħu nibqgħu mixjin warajk kull fejn teħodna.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Nissieħbu fit-tifħir ma jaqta' xejn tal-qaddisin lill-Mulej u, waqt li nkomplu mixja warajh, ejjew nagħtuh ġieħ permezz ta' Salm 145 billi nwieġbu flimkien: ***Iberkuk il-ħbieb tiegħek kollha, Mulej.***

Salm 145, 1-2. 4-5. 10-13. 18-21

Ħa nkabbrek, Alla tiegħi, sultan,
u nbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.
Kuljum irrid inbierkek,
u nfaħħar ismek għal dejjem ta' dejjem. **R/.**

Nisel lil nisel isebbaħ għemilek,
u s-setgħa tiegħek ixandru.
Il-ġmiel u l-kobor tas-sebħ tiegħek iħabbru,
u fuq l-għeġubijiet tiegħek jitħaddtu. **R/.**

Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej;
iberkuk il-ħbieb tiegħek kollha.
Is-sebħ tas-saltna tiegħek ixandru,
fuq is-setgħa tiegħek jitkellmu. **R/.**

Biex jgħarrfu lill-bniedem il-qawwa tiegħek,
u s-sebħ u l-ġmiel tas-saltna tiegħek.
Saltnatek hi saltna għaż-żminijiet kollha,
minn nisel għal nisel il-ħakma tiegħek. **R/.**

Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu,
lejn kull min isejjaħlu fis-sewwa.
Jaqtgħalhom xewqthom 'il dawk li jibżgħu minnu,
jisma' l-għajta tagħhom, u jsalvahom. **R/.**

Iħares il-Mulej lil ħbiebu kollha,
imma lill-ħżiena jeqridhom.

Tifħir il-Mulej ixandar fommi;
u jbierek kulħadd l-isem qaddis tiegħu
għal dejjem ta' dejjem! ***R/.***

## Innu Ewkaristiku

"Xi tridni nagħmillek?" "Li nerġa' nara, Rabbuni." Il-kelma li juża Bartimew meta jwieġeb, "Li nerġa' nara," litteralment tfisser li tħares 'il fuq. Fl-Evanġelju skont San Mark, dan l-istess verb niltaqgħu miegħu meta Ġesù jħares 'il fuq waqt il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, u meta jfejjaq lit-trux, jew meta persuni oħra ħarsu 'l fuq, bħall-agħma li Ġesù jagħtih id-dawl billi jobżoqlu f'għajnejh, jew bħan-nisa li marru filgħodu kmieni ħdejn il-qabar u, meta jħarsu, jaraw il-ġebla fid-daħla tal-qabar imrembla.

Xi jfisser dan kollu għalina, Mulej? Ifisser li l-fidi u t-tama jissudaw daqskemm inkunu attenti għall-iċken sinjali ta' grazzja. Ifisser li l-imħabba toktor fina daqskemm inkunu sensittivi għall-iċken sinjal ta' mħabba li tibagħtilna, minkejja li spiss inġarrbuk bħala Alla moħbi. Ifisser li l-ewwel jeħtieġ li nħarsu 'l fuq lejk sabiex din il-ħarsa fuqek u l-ħarsa tiegħek fuqna tagħmilna mill-ġdid kapaċi li naraw id-dawl madwarna u f'dawk ta' madwarna.
U l-qaddisin huma dawk li tgħallmu jaraw kif tara iinti.Jew dawk li t-tisfija tal-purgatorju mesħet u llustrat kull żliġ li seta' kellhom sabiex ikunu jistgħu jithennew bid-dehra tiegħek għal dejjem.
Għalhekk, Mgħallem tagħna, jekk tistaqsina xi rriduk tagħmlilna, hekk se nwiġbuk: li tagħtina l-ħila li naraw ir-realtà u lill-oħrajn mill-perspettiva tiegħek, Mulej, għax inti titlob minna li nħarsu 'l fuq b'mod għal kollox ħieles u mhux ta' bilfors, ħalli mbagħad inħarsu b'din l-istess ħarsa kollha mħabba tiegħek għalina lejn dawk li jeħtieġu l-fejqan tar-ruħ u l-qalb muġugħa tagħhom. Forsi se jkollok bżonn tneħħi l-katarretti jew il-ħafna nuċċalijiet li nilbsu biex naraw kif jaqbel jew jogħġob lilna. Imma ma jimpurtax. L-aqwa li jkollok ħniena minna u terfagħna 'l fuq mir-raġunamenti fjakki tagħna għal dak il-"post" minn fejn nistgħu naraw aħjar għax naraw mill-perspettiva tiegħek.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Ejjew nuru l-ferħ tagħna quddiem il-Mulej, li hu l-hena u l-glorja tal-qaddisin kollha tiegħu, filwaqt li bl-interċessjoni tagħhom irresqulu t-talbiet tagħna. Għal kull talba nwieġbu: ***Għall-merti tal-qaddisin tiegħek, ismagħna, Mulej.***

- Ħaruf Divin, qaddes il-Knisja, il-Ġisem mistiku tiegħek, hija u tqassam il-grazzja tiegħek biex twassal lil uliedha f'Ġerusalemm tas-sema, li hi ommna. ***R/.***

- Agħti l-kuraġġ u l-qawwa lil dawk kollha li fid-dinja jħabirku għall-paċi u l-ġustizzja sabiex jitwaqqaf fuq wiċċ l-art ordni soċjali ġdid mibni fuq il-libertà, ir-rispett tad-dinjità ta' kull bniedem, u l-imħabba. ***R/.***
- Għat-talb tal-martri qaddisa tiegħek, seddaq lil kull min hu mġarrab jew ippersegwitat minħabba l-istqarrija ta' Ismek. ***R/.***
- Bl-interċessjoni tal-qaddisin verġni, ħares is-safa fir-ruħ u l-ġisem tar-reliġjużi, is-saċerdoti, u l-Insara kollha, ilkoll skont l-istat tal-ħajja tagħna. ***R/.***
- Permezz tax-xhieda tar-ragħajja qaddisa tal-Knisja, kompli qanqal minn fostna qlub ġenerużi li jkunu lesti jaqdu l-poplu tiegħek pellegrin fuq l-art bħala amministraturi tas-Sagramenti u ħabbara tal-Evanġelju. ***R/.***
- Neħħi minn moħħna u qalbna kull għamad li jaljenana u jżommna milli naraw ix-xbieha tiegħek f'kull wieħed u waħda minn ħutna u nħobbuhom bħalma ħabbejtna inti. ***R/.***
- Ħa jiddi d-dawl tiegħek fuq ħutna kollha li ħallew din il-ħajja u seħibhom mal-qaddisin tiegħek. ***R/.***

Aħna u nagħmlu festa solenni biex nagħtu ġieħ lill-qaddisin tiegħek kollha f'daqqa għall-merti tagħhom; ilqa', Mulej Ġesù, dan it-talb fqajjar tagħna flimkien mat-talb li tant qaddisin joffrulek għalina, u xerred fuqna bil-kotra l-ħniena mixtieqa tiegħek, li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**